31989R3537

L 347/20 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 28.11.1989

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3537/89

tas-27 ta' Novembru 1989

dwar l-istadju kummerċjali li għalih jirreferi l-prezz medju tal-karkassi tal-majjal

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tal-majjal ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1249/89 ([2]) u b'mod partikolari Artikolu 4(6) tiegħu,

Billi s-swieq rappreżentattivi jikkomprendu, għal kull pajjiż, is-swieq kollha elenkati fl-Anness li jinsab mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2123/89 ([3]);

Billi, skond Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75, il-prezz medju mkejjel għall-karkassi tal-majjal fis-swieq rappreżentattivi tal-Komunità għandu jiġi stabbilit sabiex issir stima jekk is-sitwazzjoni fis-suq tkunx teħtieġ miżuri ta' intervent;

Billi, sabiex ikun jista' jiġi stabbilit dak il-prezz medju għall-karkassi tal-majjal, prezzijiet Komunitarji komparabbli għandhom ikunu disponibbli; billi, għal dan il-għan, kwalità waħda tal-karkassi tal-majjal li tkun tikkorrispondi mal-istandard ta' kwalità msemmi f'Artikolu 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75 u stadju li jkun definit b'mod ċar għandu jintuża; billi, minħabba li l-karkassi tal-majjal ġeneralment jinbiegħu waqt l-istadju tal-biċċerija, dak l-istadju għandu jkun dak li jiġi adottat;

Billi l-kwotazzjonijiet għall-karkassi tal-majjal għandhom minn issa 'l quddiem jiġu stabbiliti mal-Komunità kollha billi tintuża l-iskala tal-Komunità għall-klassifika tal-karkassi tal-majjal kif stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3220/84 ([4]), kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3530/86 ([5]), u r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2967/85 ([6]); billi d-definizzjoni tal-kwalità standard skond Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament (KEE) Nru 3220/84 kienet ġiet simplifikata bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1250/89 tat-3 ta' Mejju 1989 li kien jiffissa l-prezz bażiku u l-livell tal-kwalità għall-majjali maqtula fil-perjodu bejn l-l ta' Lulju 1989 u t-30 ta' Ġunju 1990 ([7]); billi, b'żieda ma' dan, il-lista tas-swieq rappreżentattivi għal-laħam tal-majjal fil-Komunità, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 43/81 ([8]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3553/88 ([9]), kienet ġiet sostitwita b'dik fir-Regolament (KEE) Nru 2123/89; billi, għal dawk ir-raġunijiet, ir-regoli ta' l-istadju kummerċjali li għalih il-prezz medju tal-karkassi tal-majjal jirreferi għandhom jiġu emendati;

Billi għal-raġuni ta'ċarezza Regolament ġdid li jgħaqqad ir-regoli kollha dwar l-istadju tas- kummerċjali li għalih il-prezz medju tal-karkassi tal-majjal jirreferi għandu jiġi adottat; billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2342/86 ([10]), kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2847/87 ([11]), għandu b'hekk jitħassar;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jaqblu ma'l-opinjoni tal-Kumitat ta'Ġesstjoni tal-Laħam tal-Majjal,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-prezz Komunitarju tas-suq tal-karkassi tal-majjal imsemmi f'Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75 għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet waqt id-dħul fil-biċċerija, eskluża t-taxxa fuq il-valur miżjud, imħallsa lill-provdituri ta' majjali ħajjin.

2. Il-prezz imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi l-valur tal-iskart u l-fdalijiet tal-annimali mhux proċessati u għandu jkun ikkwotat għal kull 100 kilo ta' karkassi kiesħa tal-majjal:

— preżentati skond il-preżentazzjoni tar-referenza stabbilita f'Artikolu 2(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3220/84,

u

— miżuna u klassifikati fuq il-ganċ tal-biċċerija, waqt li l-piż reġistrat jiġi konvertit f'piż tal-karkassa kiesħa skond il-metodi stabbiliti f'Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2967/85.

Artikolu 2

1. Il-prezz tal-karkassa tal-majjal fi Stat Membru għandha tkun egwali għall-medja tal-kwotazzjonijiet tal-karkassi tal-majjal reġistrata fis-swieq jew fiċ-ċentri tal- kwotazzjoni ta' dak l-Istat Membru elenkat fl-Anness li jinsab mar-Regolament (KEE) Nru 2123/89.

([1]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 1.
([2]) ĠU L 129, tal-11.5.1989, p. 12.
([3]) ĠU L 203, tal-15.7.1989, p. 23.
([4]) ĠU L 301, ta' l-20.11.1984, p. 1.
([5]) ĠU L 326, tal-21.11.1986, p. 8.
([6]) ĠU L 285, tal-25.10.1985, p. 39.
([7]) ĠU L 129, tal-11.5.1989, p. 14.
([8]) ĠU L 3, ta' l-1.1.1981, p. 15.
([9]) ĠU L 311, tas-17.11.1988, p. 4.
([10]) ĠU L 203, tas-26.7.1986, p. 18.
([11]) ĠU L 272, tal-25.9.1987, p. 12.

2. Il-prezz imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi stabbilit billi jintużaw il-kwotazzjonijiet reġistrati waqt li jintiżnu l-karkassi:

— 60 sa anqas minn 120 kilo ta' grad U,

— 120 sa anqas minn 180 kilo ta' grad R.

L-għażla tal-kategoriji tal-piż u kwalunkwe użin tagħhom għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri kkonċernati; dawn ta' l-aħħar għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

Artikolu 3

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 2342/86 qiegħed b'dan jitħassar.

2. Ir-referenzi għar-Regolament (KEE) Nru 2342/86 għandhom jiftiehmu bħala li jirreferu għal dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara dak li fih jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Novembru 1989.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni